MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tal-25 ta' Mejju, 2007

Appell Kriminali Numru. 104/2007

Il-Pulizija
(Spettur L. Calleja)
Vs

Eugenio Agius

Il-Qorti:

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli :

1. xjentement ghex ghal kollox jew in parti mil-qliegh tal-prostituzzjoni ta' persuni ta' nazzjonalita' estera, fosthom Irina Epanchintseva w Tchalova Lilia;

2. zamm jew ezercita' jew kellu sehem ma' ohrajn fl-ezercizzju ta' burdell jew ta' dar, hanut jew lokal iehor jew ta xi parti minnhom li huma frekwentati jew maghduda

bhala li huma ffrekwentati ghal skop ta’ prostituzzjoni jew ghal skopijiet ohra immorali;
3. bhala s-sid li ghandu taht idejh l-amministrazzjoni ta’ dar jew fond bl-isem Ramla Lodge Hotel, Triq il-Gardiel, San Tumas, M’Scala, xjentement ta b’kiri, jew ippermetta l-uzu ta’ dan il-post ghal skop ta’ prostituzzjoni jew ghal skopijiet ohra immorali;
4. kiser il-provvedimenti tal-artikolu 9 tal-Kapitolu 152 tal-Ligijiet ta’ Malta ta’ sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati Malta datata 26 ta’ Frar, 2003.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tas-7 ta’ Marzu, 2007, li biha wara li rat l-Artikoli 7(1), 8(1) u 9 tal-Kap. 63 kif ukoll l-artikoli 17(h) u 28A tal-Kap 9, sabet lill-appellat hati tal-ewwel tliet imputazzjonijiet u lliberatu mir-raba’ imputazzjoni, b’dan li l-ewwel imputazzjoni hija nkluza fit-tieni imputazzjoni w ikkundannatu ghal piena ta’ prigunerija ta’ sentejn sospiza ghal erba’ snin, u ghall-hlas ta’ multa ta’ mitejn lira Maltin (LM200).

Rat ir-rikors tal-appellant Avukat Generali minnu pprezentat fit-22 ta’ Marzu, 2007, li bih talab lil din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata fis-sens illi tikkonfermaha fejn sabet lill-appellat hati ta’ l-ewwel, it-tieni w it-tielet akkuzi migjuba kontra tieghu, filwaqt li tirrevokaha w thassarha f’dik il-parti fejn iddikjarat illi l-ewwel reat huwa assorbit fit-tieni reat u fejn infliggiet piena ta’ prigunerija ghal perjodu ta’ sentejn sospizi ghal erba’ snin u multa ta’ LM200, u minflok tinfliggi l-piena idonea fuq l-appellat ghat-tlett akkuzi li ghalihom gie misjub hati skond il-ligi.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat illi l-aggravju tal-appellant Avukat Generali huwa s-segwenti w cioe’ :- 1. li l-Ewwel Qorti ghamlet applikazzjoni zbaljata tal-ligi meta tenniet illi t-tieni imputazzjoni kienet tinkludi l-ewwel imputazzjoni w dan peress li tali assorbiment setgha kien jissussisti biss in parte fir-rigward ta’ dawn iz-zewgt ipotesi ta’ reati, mentri kien hemm cirkostanzi fejn tali assorbiment ma kienx

app;likabbli. Li ma jezistix il-kuncett ta’ mezz ghall-fini bejn l-artikolu 7 (1) u 8 (1) tal-Kap. 63 tal-Ligijiet ta’ Malta fil-fatti specie ta’ dan il-kaz ghax l-appellat ikkommetta kemm ir-reat ipotizzat taht l-artikolu 7 (1) kif ukoll dak taht l-artikolu 8 (1) Kien hemm sitwazzjonijiet fejn verament dawn ir-reati setghu jidhru li gew kommessi f’ kuntest wiehed, b’ mod partikolari kif jissemma fl-istqarrija tal-imputat fejn huwa jtenni li kien jikri l-kmamar lil nisa Russi w kien izommilhom Lm5 ghal kull persuna ohra li tkun dahlet fil-kamra. Hawn jista’ jigi ravvizat l-assorbiment fis-sens illi l-fatt kommess jipotizza l-ksur ta’ zewg dispozizzjonijiet tal-ligi. Mill-banda l-ohra pero’ irrizulta mix-xiehda ta’ Irina Epanchintseva li l-appellat kien laqqaghha ma rgiel ohra w, f’ cirkostanza partikolari, qallha biex tmur ma dan il-klient fid-dar tieghu w sadattant kienet baqghet thallas LM10 lill-appellat ghas-servizz rez minnha. L-istess gara fil-kaz ta’ Lilia Tchalova. F’ dawn ic-cirkostanzi il-fatti specje ipotizzata taht l-art. 7 (1) tissussisti separatament u indipendentement mid-dispost tal-art. 8 (1) u ma hemmx rabta ta’ mezz ghal fini w lanqas assorbimernt ukoll ghax ir-reat gie kommess barra minn fond taht l-isfera tal-kontroll tal-appellat. ghalhekk kellha tigi applikata l-piena taht l-art. 7 (1)

2. Li l-piena fix-xorta w fil-kwantita’ taghha ma kienetx dik kontemplata fil-ligi ghar-reati li fuqhom l-imputat gie kunndannat u li kienet miti wisq meta wiehed iqis l-efferatezza tar-reati de quo. Piena ta’ prigunerija sospiza mhux piena adatta w hija miti wisq.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellat , esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;

Rat il-verbal tat-13 t’ April, 2007, li bih Dr. Franco Debono, ghall-appellat, talab li in vista tal-fatt li l-Ewwel Qorti kienet cahdet diversi rikorsi dwar produzzjoni ta’ xhieda in difeza dwar il-piena, jekk din il-Qorti ser tigi biex tikkonsidra l-piena, ghandha tisma’ lill-istess xhieda w cioe’ lill-Psikjatra Joseph Cassar, Spettur Louise Calleja, Il-Psikjatra Etienne Muscat u l-Probation Officer Ivan Sultana.

Rat l-ordni taghha biex il-kawza tigi rikjamata ghall-udjenza tal-lum ghas-sentenza;

Ikkonsidrat;

Illi fl-ewwel lok din il-Qorti qed tiddisponi mit-talba tal-appellat biex jixdhu l-erba xhieda fuq imsemmija dwar il-piena. L-appellat jakkampa din it-talba fuq il-fatt li hu kien ghamel diversi talbiet b' rikorsi differenti quddiem l-Ewwel Qorti biex jixhdu dawn ix-xhieda w dawn gew michuda. Jigi notat mill-ewwel pero' li l-appellat ma ressaq ebda appell minn dan kif seta' liberament jaghmel u minnflok akkwiexxa ghas-sentenza , ghaliex naturalment kien sodisafatt b' sentenza ta' prigunerija sospiza w multa. Certament il-fatt li l-Avukat Generali issa qed jappella mill-piena erogata mill-Ewwel Qorti ma jaghtix lill-appellat xi dritt sagrosant li jerga' jirrisuxxita t–talba tieghu ghall-produzzjoni ta' dawn ix-xiehda, bhallikieku ghandu xi dritt ghall-appell incidentali. Jekk l-appellat hassu aggravat bid-Digrieti tal-Ewwel Qorti fejn gew michuda t-talbiet tieghu f' dan is-sens, imissu appella minnhom fiz-zmien utili . Dan m'ghamlux.

Din il-Qorti ukoll lanqas tara l-htiega li jiddeponu dawn ix-xhieda. Apparti li Dr. Cassar il-Psikjatra xehed aktar minn darba quddiem l-Ewwel Qorti biex jiggustifika l-assenza ghal sena shiha tal-appellat mill-udjenzi li fihom kellha tinghata s-sentenza, w apparti li l-Ispettur Louise Calleja ukoll xehdet  u setghet, kieku riedet id-difiza, giet kontro-ezaminata a tempo debito, hemm provi bizzejjed fil-process li juru li l-appellat jinsab anzjuz hafna w depressiv minnhabba li l-Pulizija qed tmexxi kontra tieghu f' din il-kawza w li fl-istqarrija tieghu  wiehed jista' jara sew x' kien il-grad ta' ko-operazzjoni li offra lill-Pulizija waqt l-investigazzjoni, wara li l-Pulizija ghamlet *raid* fil-lukanda tieghu w sabet mara Russa gharwiena u b' xugaman biss ihazzimha ma ragel Malti f' kamra minnhom u mara ohra li bhall-ewwel wahda stqarret ukoll li kienet tipprostitwixxi ruha go dik il-lukanda.

Illi huwa naturali ferm li bniedem li jkun qed jigi processat ghal reati kriminali serji bhal ma huma dawk li l-appellat

instab hati taghhom mill-Ewwel Qorti jkun anzjuz u depress meta jqis il-konsegwenzi li jista' jiffaccja izda kieku l-Qrati kellhom jiehdu dan l-inkwiet u ansjeta' bhala fattur in mitigazzjoni tal-piena, ftit ikunu dawk il-hatja li jkollhom jaffaccjaw ir-riguri tal-ligi penali. Ghalhekk dato e koncesso dak kollu li xehed il-psikjatra Dr. Joseph Cassar ripetutament quddiem l-Ewwel Qorti, din il-Qorti tqis li dan mhux fattur li jista' jnaqqas il-htija tal-akkuzat jew li ghandu jwassal ghal xi piena aktar miti minn dik idonea ghall-kaz.

Ghalhekk tichad it-talba tal-appellat biex jipproduci dawn ix-xhieda f' dan l-istadju, ladarba ma sarx appell mid-Digrieti tal-Ewwel Qorti li cahdu talbiet simili w la darba ma tara ebda utilita' prattika fid-depozizzjoni ta' dawn ix-xhieda f' dan l-istadju.

Ikkonsidrat;

Illi dwar l-ewwel aggravju tal-Avukat Generali dan jidher ben fondat. Di fatti jirizulta mid-depozizzjonijiet tan-nisa Russi Irina Epanchintseva (fol. 17 sa 34) w Lilia Tchalova (fol. 35 sa 52) li huma mhux biss kienu qed jipprostitwixxu ruhom gol-kmamar tal-lukanda Ramla Lodge Hotel gestita mill-appellat, mhux biss bil-piena konsapevolezza tal-appellat li kien itellalhom l-irgiel fil-kamra imma sahansitra kien jippartecipa fil-qliegh ta' Lm15 li kull ragel li jivvizita lil dawn in-nisa kien ihallas billi addiritura jiehu LM10 minnhom, imma f' xi okkazzjoni kien ukoll hareg liz-zewg nisa barra mill-lukanda tieghu w hadhom ghand irgiel f' postijiet ohra w fejn thallas bl-istess arrangament. Kjarament f' dawn l-ahhar okkazzjonijiet ma kienx jikkonfigura r-reat kontemplat fl-artikolu 8 (1) tal-Kap. 63 dedott fit-tieni imputazzjoni izda r-reat kontemplat fl-artikolu 7 (1) tal-istess Kap. dedott fl-ewwel imputazzjoni.

Ghalkemm l-Ewwel Qorti gustament ghalhekk sabet lill-appellat hati ta' dawn iz-zewg imputazzjonijiet, qalet b' terminologija pjuttost stramba li t-tieni imputazzjoni *"tinkludi l-ewwel imputazzjoni fiha".* X' aktarx li riedet tfisser li reat minnhom, ghall-fini ta' piena, jkun assorbit fl-iehor, kif del resto ddecidiet meta qalet ukoll li t-tielet

imputazzjoni hija assorbita fiz-zewg imputazzjonijiet ta' qabel. Anki hawn l-appellat ma ressaq ebda appell mis-sejbien ta' htija fuq it-tlitt imputazzjonijiet *"ut sic".*

Ghandu ragun ghalhekk l-Avukat Generali meta jghid li ghal dak li jirrigwardaw l-okkazzjoni jew okkazzjonijiet meta in-nisa Russi ttiehdu mill-appellat ghand irgiel biex jipprostitwixxu ruhom mhux fil-lukanda tieghu, izda f' postijiet ohra, la kien hemm in-ness ta' mezz ghall-fini kontemplat fl-artikolu 17 (h) tal-Kap.9 bejn reat u iehor u lanqas il-konkors formali jew ideali bejn reat u iehor, u cioe' fejn l-istess fatt jaghti lok ghall-aktar minn reat wiehed. Ghalhekk ghalkemm in parti seta' jkun hemm il-konkors formali jew ideali meta ir-Russi kienu jipprostitwixxu ruhom fil-lukanda tal-appellat, meta dan ghamluh band' ohra l-agir tal-appellat li kien johodhom u jgibhom lura w jiehu parti mill-qliegh taghhom jikkostitwixxi vjolazzjoni tal-artikolu 7 (1) u mhux dik taht l-artikolu 8 (1) ukoll.

Ghalhekk l-ewwel aggravju tal-appellant hu gustifikat u l-ewwel Qorti ma kellhiex tqis l-ewwel imputazzjoni assorbita fit-tieni imputazzjoni ghall-fini tal-piena.

Ikkonsidrat;

Illi dwar l-aggravju l-iehor li l-piena ma kienetx fix-xorta taghha jew kwantita' taghha dik kontemplata fil-ligi ghar-reati li fuqhom l-imputat gie kundannat u li kienet miti wisq meta komparata mar-reati mwettqa mill-imputat, il-principju regolatur hu li mhux normali li tigi disturbata d-diskrezzjoni ta' l-Ewwel Qorti jekk il-piena nflitta tkun tidhol fil-parametri tal-ligi u ma jkun hemm xejn x'jindika li kellha tkun inqas minn dak li tkun fil-fatt. (Ara. **"Ir-Repubblika ta' Malta vs. David Vella**" [14.6.1999], "**Ir-Repubblika ta' Malta vs. Eleno sive Lino Bezzina"** [24.4.2003] u ohrajn.) Dan il-principju ghandu japplika ugwalment izda bl-invers meta l-appellant ikun l-Avukat Generali w jkun qed jitlob piena aktar gravuza.

Issa f' dan il-kaz ladarba l-appellat kien instab hati tal-ewwel, tat-tieni w tat-tielet imputazzjoni bl-assorbiment

tat-tielet imputazzjoni fit-tieni imputazzjoni w ladarba r-reati taht l-ewwel zewg imputazzjonijiet ghandhom jissussistu separatament bla ebda assorbiment bejnithom ghall-fini ta' piena, kif fuq intqal, jigi li fuq l-ewwel imputazzjoni, bl-applikazzjoni tal-artikolu 18 tal-Kap.9 , trattandosi ta' reat kontinwat, l-appellat seta' gie kundannat ghall-piena massima ta' erba snin prigunerija bla minimum w ghat-tieni imputazzjoni ukoll, in vista tar-reat kontinwat, seta' gie kundannat ghall-piena massima ta' erba' snin prgunerija w multa ta'mhux izjed minn mitejn lira bla minimum. Ghalhekk imbaghad, bl-applikazzjoni tal-artikolu 17 (b) tal-Kap. 9, l-appellat seta' jigi kundannat ghall-piena komplessiva massima ta' sitt snin prigunerija w multa ta' mitejn lira Maltija, **dejjem bla minimum pero'**. Ghalhekk strettament l-Ewwel Qorti kienet qed teroga piena fil-parametri tal-ligi meta erogat piena ta' sentejn prigunerija.

Kienet ukoll *in ordine* meta bl-applikazzjoni tal-artikolu 28A ordnat li tali piena tkun sospiza ghall-erba snin, ladarba l-piena li erogat ma kienetx wahda ta' izjed minn sentejn. Ghalhekk l-aggravju li l-piena ma kienetx dik ikkontemplata fil-ligi fix-xorta jew il-kwantita' taghha, huwa manifestament infondat.

Tibqa' allura biss il-kwistjoni jekk tali piena w provvediment taht l-artikolu 28A kienx wiehed miti zzejjed.

Ikkonsidrat;

Li la meta il-Prosekuzzjoni kienet ghalqet il-provi (fol. 70), la meta l-kawza giet differita biex il-Prosekuzzjoni tesebixxi s-sentenzi in sostenn tar-raba' addebitu (fol. 86) u lanqas fl-udjenza meta l-kawza giet differita ghas-sentenza l-ewwel darba (fol.88) ma jirrizulta verbalizzat li l-ufficjal prosekutur ghamel xi talba ghal xi piena partikolari f' dan il-kaz. Anzi, minkejja li l-Prosekuzzjoni akkuzat lill-appellat li kiser il-provvediment tal-artikolu 9 tal-Kap.152 tal-Ligijiet ta' Malta b' sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) , u minkejja li l-Ewwel Qorti darba minnhom iddifferiet proprju biex il-Prosekuzzjoni tesebixxi tali sentenza, dan baqa' ma sarx u l-kawza

thalliet tmur ghas-sentenza minghajr din il-prova. Jidher ghalhekk li l-Prosekuzzjoni f’ dan il-kaz, ghal dak li jirrigwarda l-piena, halliet pjenament f’ idejn l-Ewwel Qorti w zgur li ma insistiet ghall-ebda piena partikolari jew f’ xi mizura partikolari.

Hu ghalhekk issa ferm odjuz li l-istess prosekuzzjoni, sia pure kondotta mill-Avukat Generali, tilmenta li l-piena erogata mill-Ewwel Qorti kienet miti zzejjed, meta lanqas biss indenjat ruha tesebixxi s-sentenza jew sentenzi li kienu jsostnu ir-raba’ addebitu, li forsi setghu jaghmlu differenza fil-konsiderazzjonijiet tal-Ewwel Qorti meta kienet tigi biex tikkalibra l-piena.

Fic-cirkostanzi ghalhekk din il-Qorti ma tarx li ghandha tiddisturba d-diskrezzjoni ta’ l-Ewwel Qorti gjaladarba tali diskrezzjoni giet ezercitata pjenament fil-parametri tal-ligi li l-gharef legislatur ried ihalli miftuha ghall-Qrati.

Ghalhekk din il-Qorti qed tiddisponi mill-appell ta’ l-Avukat Generali billi tirriforma s-sentenza appellata billi tirrevokaha biss in kwantu ddikjarat li “*it-tieni imputazzjoni …tinkludi l-ewwel imputazzjoni fiha”* u mill-bqija tikkonfermaha fil-kumplament taghha.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM-------------------------------